**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 560/2018 PM1**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited (C2521)**

**Vs**

**Kurt Michael Buttigieg (K.I. 213090(M)) ezercenti l-kummerc bl-isem Kurt's Discount Store**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin euro u tmienja u tletin centezmi (€432.38) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut fuq struzzjonijiet tieghu stess u servizzi ohra ancillari u dana oltre l-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghall-konvenut sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta. Fir-rigward tal-imghaxijiet it-Tribunal isib li hija gustifikata wkoll it-talba attrici li dawn jiddekorru mid-data tal-fattura in kwantu jirrizulta car li l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa wiehed ta' natura kummercjali b'rabta man-negozju ta' kompravendita` ezercenti mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal qieghed jilqa' l-istess talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u tnejn u tletin euro u tmienja u tletin centezmi (€432.38) oltre l-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**